2024/1440

13.6.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 338/2023

tat-8 ta' Diċembru 2023

li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim ŻEE [2024/1440]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2297 tas-26 ta' Ottubru 2023 li jidentifika portijiet ġirien tat-trażbord tal-kontejners skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Jenħtieġ għalhekk li l-Anness XX tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 21alq (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2166) tal-Anness XX tal-Ftehim ŻEE:

"21alr. **32023 R 2297**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2297 tas-26 ta' Ottubru 2023 li jidentifika portijiet ġirien tat-trażbord tal-kontejners skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2023/2297, 27.10.2023)."

Artikolu 2

It-test tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2297 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-9 ta' Diċembru 2023, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*), jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 335/2023 tat-8 ta' Diċembru 2023 ([2]), skont liema data tkun l-iżjed tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Diċembru 2023.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Pascal SCHAFHAUSER

([1]) ĠU L, 2023/2297, 27.10.2023.
(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.
([2]) ĠU L, 2024/1420, 13.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1420/oj.